# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

**Nru. 12** **NOVEMBRU, 1965**

## IX-XAHAR TAL-MEJTIN

Il-fidi tagħna tgħallimna li mal-mewt ma jispiċċax kollox: anzi mal-mewt din il-ħajja tinbidel f'ħajja oħra, ħajja aktar importanti minn din li qegħdin fiha, għax tibqa' għal dejjem. Għalhekk aħna l-insara, lill-mejtin tagħna ma naħarqux il-fdalijiet tagħhom, u ninsewhom darba għal dejjem għax issa ma jeżistux iżjed. Ir-reliġjon tagħna tgħallimna biex inġibu rispett u qima anki lill-ġisem ta' bniedem mejjet (infatti l-qassis waqt li jkun qed jagħmillu l-aħħar esekwi, ibierku bl-ilma mbierek u jinċensah). Ir-raġuni hija li dak il-ġisem ġurnata għad irid jerġa' jqum u jingħaqad mar-ruħ biex flimkien magħha jieħu l-premju jew il-kastig ta' dejjem.

Aħna maħluqin biex immorru l-ġenna. Imma biex nidħlu hemm ġew irridu nkunu tant perfetti u tant indaf, li wara t-taħbita li nkunu ħadna f'ħajjitna f'din id-dinja, ikollna bżonn ta' banju tajjeb qabel ma nirfsu l-għatba tal-ġenna. Banju mhux ta' l-ilma imma tan-nar. U ftit hawn li jeħilsuh ħafif. Il-purgatorju kulħadd irid jgħaddi ż-żmien tiegħu, u ħadd ma jista' jgħin nitfa waħda lilu nnifsu. Jiddependi biss fuq il-ħniena ta' dawk li jafuh u li jindenjaw ruħhom jiftakru fih fit-talb tagħhom.

Min jaf kemm erwieħ ikunu qed jistennew bil-ħerqa x-xahar ta' Novembru jasal. Għax jafu li matul dan ix-xahar xi ħadd jiftakar fihom u joffri xi talba bħala suffraġju għal ruħhom.

Niftakru f'kulħadd fit-talb tagħna għall-erwieħ, speċjalment għal dawk li m'għandhomx min jiftakar fihom. Aħna għad inkunu bħalhom u mbagħad nifhmu kemm jiswa t-talb għall-erwieħ.

Il-Bambin iberikkom.

L-EDITUR.

## IL-PUSSESS TAL-KAPPILLAN

**Fit-28 ta' Novembru, fl-4.30 p.m., Dun Gwido Calleja ser jieħu l-Pussess bħala Kappillan ta' Stella Maris. Billi għal din l-okkażjoni mhux ser joħroġ inviti, il-Kappillan jixiteq jinqeda b'"Leħen il-Parroċċa" biex jistieden minn qalbu l-Ġiljaniżi kollha għall-Pussess tiegħu.**

## X'SA JKOLLNA F'NOVEMBRU

Quddies Kantat fis-6.30 p.m.:

2 ta' Novembru — Għall-mejtin kollha.

3 ta' Novembru — Għas-saċerdoti mejtin tal-Parroċċa tagħna.

4 ta' Novembru — Għall-imseħbin mejtin tal-konfraternita tas-SS.mu Sagrament.

5 ta' Novembru — Għall-imseħbin mejtin tal-Konfraternita tar-Rużarju.

6 ta' Novembru — Quddiesa letta għall-membri mejtin tal-Clubs Sportivi tal-Parroċċa tagħna.

*Il-pellegrinaġġ* tal-Parroċċa għaċ-Ċimiteru ser isir nhar il-Ħadd, 14 ta' Novembru. Min irid xi biljetti jista' jakkwistahom minn għand il-membri tal-fratellanza tas-Sagrament.

*7 ta' Novembru:* Żommu din id-data free ħalli niltaqgħu l-Ġiljaniżi kollha flimkien biex insellmu għall-aħħar darba lill-Kappillan tagħna. Il-festa, li ġiet organizzata minn kumitat imwaqqaf apposta minn rappreżentanti tal-Għaqdiet Kattoliċi u tal-Clubs profani tal-Parroċċa tagħna, ser tkun tikkonsisti f'dan il-programm:

5.00 p.m. — Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ċelebrata mill-Kappillan. Omelija. Preżentazzjoni ta' Bukkett Spiritwali. Kant (St. Julian's Choir).

6.00 p.m. — Korteo mill-Knisja sa Spinola Bay b'dan l-ordni: St. Julian's Choir bl-uniformi; Banners tal-Għaqdiet u l-Clubs; Il-Banda; Il-Kappillan u l-Kleru; Poplu kollu.

6.30 p.m. — Naslu r-Ramla; Diskors min-Nutar Gambin, B.A., LL.D.; Programm mill-Banda; Qari ta' Poeżija; Preżentazzjoni ta' Cheque lill-Kappillan; Ringrazzjament mill-Kappillan; Innu ta' San Ġiljan u Innu Malti mill-Kor u l-Banda.

*Wara kollox:* Bibita fil-Każin tal-Banda mogħtija mill-Kumitat Organizzativ lill-Kappillan, Kleru u Rappreżentanza tal-Għaqdiet u l-Clubs kollha.

L-ebda Ġiljaniż ma għandu jonqos li jkun preżenti għal din il-festa.

Jekk tkun ix-xita l-festa ssir xorta waħda, imma l-parti tal-programm li għandha ssir fi Spinola Bay, minflok issir fis-St. Julian's Hall.

## Ftit Storja . . .

### "IL-BALLUTA"

Għalkemm fl-imgħoddi r-raħal ta' San Ġiljan u ta' Tas-Sliema kienu meqjusa bħala raħal wieħed, dak ta' Tas-Sliema kiber iżjed malajr minn dak ta' San Ġiljan. Iżda t-tnejn flimkien kienu jissejħu bħala "id-distrett ta' San Ġiljan". Tant hu hekk li l-ewwel tabib distrettwali, Dr. Paul Sammut, kien joqgħod San Ġiljan qabel ma mar joqgħod Tas-Sliema.

Id-daħla ż-żgħira tal-Balluta kienet tissejjaħ "Tal-Balluta" għaliex għadd ta' siġar tal-ballut kienu jsebbħu l-misraħ. Huwa xieraq li jitħawwlu ftit siġar tal-ballut fl-istess post, għallinqas ikunu qegħdin jagħmlu ħaqq lill-isem ta' Balluta.

L-għajn ta' l-ilma li hemm f'nofs il-Misraħ Balluta kienet issebbaħ

Misraħ Sant'Anna, Tas-Sliema. Din il-għajn tfakkar fl-okkażjoni meta Tas-Sliema ġiet provduta bl-ilma fl-1882 taħt il-ħakma ta' Sir A. Barton, Gvernatur ta' Malta. Il-proġett tax-xogħol kien magħmul minn Sir Victor Houlton, Segretarju Ewlieni tal-Gvern, u mwettaq mill-Perit E. L. Galizia, Suprintendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

F'Misraħ Balluta saru programmi mużikali minn ħafna baned u mhux l-ewwel darba li saru l-fieri fiha. Wara ħafna snin ta' tgergir, il-misraħ ġie miksi bl-asfalt mill-Gvern fl-1949. Dan il-bżonn kien ilu jinħass, l-iżjed mill-ġenituri li jieħdu lil uliedhom biex jilagħbu fil-misraħ matul il-ġranet sbieħ tas-sena.

Fl-imgħoddi, jekk wieħed kien ikun irid imur mill-Balluta għal Spinola kien ikollu jimxi ġo triq dejqa li llum tagħmel sehem minn Main (jew High) Street. Din it-triq kienet ħdejn "Albert Buildings" li minnha joħorġu żewġ friegħi, dik tax-xellug tagħti lejn il-parroċċa, jiġifieri lejn Triq Lapsi, u dik tal-lemin għall-Bajja ta' Spinola.

Il-Gvern ta' dak iż-żmien qata' illi mad-dawra tax-xatt għandha tinbena triq, u madwar l-1898 infetħet Triq Grenfel, li ġiet imsemmija għal Lieut. General Grenfell, li kien il-Gvernatur ta' Malta ta' dak iż-żmien.

## MULEJ AGHTIHOM IL-MISTRIEH TA' DEJJEM

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. | 8. | 65 | Sandra Casa (Baby) ta' 13/3, Bay Street. |
| 23. | 8. | 65 | Salvatore Fenech (62 sena), ta' 15, Grenfell Street. |
| 24. | 8. | 65 | Dolores Agius (54 sena) ta' "Lilian House", Ross Street. |
| 28. | 9. | 65 | Carmelo Ellul (62 sena) ta' 88, Grenfell Street. |
| 15. | 10. | 65 | Bertie Gracey (65 sena) ta' 61, Mensija Street. |

## NIFIRHULHOM U NAWGURAWLHOM

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8. | 9. | 65 | Felix Cassar (Raħal il-Ġdid) ma' Maria Dolores Fenech (San Ġiljan). |
| 11. | 9. | 65 | Leonard Agius (Hal Kirkop) ma' Joanna Maria Caruana (San Ġiljan). |
| 26. | 9. | 65 | Joseph Said (Nadur, Gozo) ma' Cormela Portelli (San Ġiljan). |
| 10. | 10. | 65 | John Abela (Żabbar) ma' Maria Rosaria Aquilina (San Ġiljan). |
| 10. | 10. | 65 | Michael Augustine Mallia (San Ġiljan) ma' Grace Tanti (San Ġiljan). |

**Appell mill-President, A.K. Ġuvintur:**

## MUŻEW, ARKIVJU U . . . FLUS!

L-Azzjoni Kattolika Ġuvintur, li għadha qiegħda tistenna dawk il-ġuvintur li ma huma fl-ebda għaqda biex jidħlu magħha, qed taħdem kemm tista' biex tagħmel Mużew tal-Parroċċa tagħna, li fih nixtiequ niġbru dawk il-ħwejjeġ ta' interess li għandhom x'jaqsmu ma' San Ġiljan. Xi ħaġa diġà għandna, iżda nafu li hawn min għandu ħafna iżjed minna li forsi ma għandux bżonnhom, bħal ngħidu aħna ritratti antiki ta' nħawi mill-

Parroċċa, u ħwejjeġ bħal dawn. Jekk hawn xi ħadd li jista' jgħinna, igħidilna, niġu għalihom u naraw jekk humiex tajbin għall-Mużew.

Qed infittxu wkoll ritratti żgħar, stampi, disinji, "cuttings" minn gazzetti u pubblikazzjonijiet antiki, li jitħaddtu fuq il-Parroċċa tagħna. Għandna programmi tal-festi li għaddew, sunetti, innijiet, programmi ta' festi u fieri, eċċ. Iżda mhux tas-snin kollha. Nafu li hawn ukoll wieħed jista' jgħinna, billi jekk għandu xi ħaġa bħalma qed insemmu, ifittex jibgħat għalina u jistaqsina fuq dawn il-ħwejjeġ. Aħna sa niġbru dan il-materjal u nagħmlu kollox f'arkivju.

U issa għall-flus! Biex nagħmlu dawn il-ħwejjeġ li semmejt, l-iżjed l-arkivju, jinħtieġu ftit tal-flus, billi kulħadd jifhem li dawn l-affarijiet isiru tajjeb biex iservu fit-tul. Għalhekk jekk hawn xi benefattur li rebaħ xi sold mill-Casino, jew li rebaħ il-Lottu, jew li jixtieq igħinna, ukoll jekk ma jilgħabx, nitolbuh iżerżqilna xi ħaġa u l-Patrun galantom tagħna, Sant'Antnin, ħalluh f'idejna!

Min għandu xi ħwejjeġ għall-Mużew, jew għall-Arkivju, jew li jixtieq ibattal il-bwiet għandna, huwa mitlub li jkellem lil xi ħadd minn dawn il-membri taċ-Ċirkolu tagħna: Dun Anton Sciberras, 129, Birkirkara Hill; Mr. Kelinu Grech, fis-Sagristija jew 51, Lapsi Street; jew lili, 4, Bay Street. Niżżukom ħajr minn quddiem u nitolbu għalikom minn issa.

IL-PRESIDENT.

## IS-"ST. JULIAN'S CHOIR" REBBIEH ĠO PESCARA

Fil-ħarġa speċjali ta' "Leħen il-Parroċċa" ta' Awissu, kont xtaqt lill-Kor tagħna li jaqta' figura tajba fil-festival tal-Korijiet li kellu jsir ġewwa Pescara għall-bidu ta' Ottubru. Is-St. Julian's Choir, taħt id-direzzjoni tal-Wisq Rev. Kappillan Dun Guido Calleja, mhux biss irnexxielu jikseb l-ewwel post fil-Kategorija li fiha daħal, iżda wkoll ġibed is-simpatija kemm ta' l-organizzaturi, kif ukoll ta' dawk kollha li semgħuh jesegwixxi l-biċċiet li kien hejja għal din l-okkażjoni.

Barra minn hekk kellu jkun l-ewwel Kor Malti li jirbaħ kompetizzjoni ta' livell hekk għoli fil-kamp internazzjonali. Hawnhekk naħseb li kelma ta' tifħir, barra lid-direttur, għandha tmur ukoll għal Dun Ġwann Galea, li b'paċenzja kbira għallem il-partijiet differenti b'abbiltà kbira.

Fl-aħħarnett, nixtieq għan-nom tal-kumitat u l-membri kollha tal-Kor, nirringrazzja lil dawk id-ditti u individwi, li għenuna kemm setgħu finanzjarjament, il-għaliex l-ispejjeż li kellna kienu wisq kbar għalina. Grazzi wkoll lil dawk kolha li ferħulna, speċjalment lil dawk il-Ġiljaniżi sħabna, li ġew jilqgħuna ġewwa d-Dwana fil-għodwa tas-7 ta' Ottubru. It-3 ta' Ottubru, 1965, jibqa' mniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja qasira tal-Kor tagħna u wkoll fl-istorja tal-għażiż subborg tagħna. Din ir-rebħa tagħmlilna iktar kuraġġ għall-futur, li nisperaw li jkun mimli bi ġrajjiet aktar importanti milli kellna sa issa. Prosit!

MARCEL SCICLUNA.

"EMPIRE PRESS."